MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## AUDREY DEMICOLI

Seduta tal-21 ta' Ottubru, 2010

Numru. 340/2003

**Il-Pulizija**
**Supretendent Martin Sammut**

**vs**

**George Pace**

Il-Qorti;
Rat li l-imputat George Pace, ta' 47 sena, iben Maurice u Helen nee Jones, imwieled Floriana nhar it-13 ta' Ottubru 1955 u joqghod 7A, Flat 1, Triq Bonavita San Giljan, detentur tal-karta tal-identita Nru. 757855(M) u numru tat-telefown 21338595/79494660 gie mressaq quddiemha akkuzat talli:

1. Nhar l-1 ta' Marzu 2003 u fl-granet ta' qabel, gewwa triq Bonavita, San Giljan ha f'idejh xi funzjoni pubblika, sew civili jew militari minghajr ma kellu jedd ghaliha, billi

hassar linja bajda fuq il-bankina ghad-detriment tal-Kunsill Lokali ta’ San Giljan u dan ai terminu tal-Artikolu 84, tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

2. Fl-istess dati, hin, lok u cirkostanzi, bla hsieb li jisraq jew li jaghmel hsara kontra l-ligi, izda biss biex jezercita jedd li jippretendi li ghandu, igieghel, bl-awtorita tieghu iniffsu, jew lil xi hadd ihallas dejn, jew jesegwixxi obbligazzjoni, tkun li tkun, jew ifixkel lil xi hadd fil-pussess ta’ twejlu, jew ihott bini, jew jikser il-mixi ta’ l-ilma jew jiehu l-ilma ghalih, jew b’xi mod iehor kontra l-ligi, indahal fi hwejjeg haddiehor, billi hassar linja bajda fuq il-bankina ghad-detriment tal-Kunsill Lokali ta’ San Giljan, u dan ai terminu tal-Artikolu 85, tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

3. Fl-istess dati, hin, lok u cirkostanzi kkommetta hsara volontarja fuq iz-zebgha tat-triq, billi hassar linji mmarkati fuq il-bankina, ghad-dannu tal-Kunsill Lokali ta’ San Giljan, liema hsara ma teccedix l-LM10, izda u dan ai termini tal-Artikolu 325(d) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

4. Fl-istess, dati, hin, lok u cirkostanzi ingombra jew b’xi mod iehor jew ikkaguna inkonvenjenza permezz ta’ oggetti illi jingumbraw gewwa triq jew mol jew xi post iehor u dan ai terminu tal-Artikolu 11(2) ta’ A.L. 65.13;

5. Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi naqas li jobdi l-ordnijiet legittimi moghtija lilu mill-pulizija waqt li kienu inkarigati minn servizz pubbliku, jew ma halliex, fixklu waqt il-qadi ta’ dmirijiethom u dan ai terminu tal-Artikolu 338(ee) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

6. Fl-istess data, hin u cirkostanzi kiser il-bon ordni jew il-paci pubblika b’ghajjat u glied, u dan ai terminu tal-Artikolu 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat l-atti kollha ta’ dan il-procediment inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali datat 22 ta’ April, 2003 (esebit *a folio* 10 tal-Process) sabiex il-kawza tigi trattata u deciza bi procedura sommarja.

Rat li waqt l-ezami li sarlu fis-seduta tal-15 ta' Ottubru, 2003 l-imputat iddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat il-provi;

Rat li l-imputat naqas milli jipprezenta Nota ta' Sottomissjonijiet entro t-terminu lilu koncess fl-udjenza tat-2 ta' Gunju 2010.

Ikkunsidrat:
Illi l-fatti ta' dan il-kaz huma fil-qosor dawn li gejjin. Fl-1 ta' Marzu 2003 l-Pulizija rcevew rapport li kien hemm individwu li kien hassar xi linji bojod li kienu jiddemarkaw il-parking bays li kienu saru fi Triq Bonavita, San Giljan mill-Kunsill Lokali ta' San Giljan. Meta l-Pulizija accediet fuq l-post sabet li kienet giet imhassra linja bajda ta' parking bay precizament quddiem il-bieb ta' barra tar-residenza tal-imputat u li fejn kien hemm dan il-parking bay li kien fuq il-bankina, kienu tpoggew xi qsari sabiex jimpedixxu l-ipparkjar f'dan il-post. Waqt li l-Pulizija kienu fuq il-post hareg l-imputat mir-residenza tieghu fejn dan ammetta mal-Pulizija li kien hu li hassar il-linja bajda u li pogga l-qsari u spjega li huwa kien ghamel dan sabiex ma jipparkjawlux quddiem il-bieb peress li ma kienx ikun qed jista' johrog mill-bieb ta' barra tant kemm kienu qed jipparkeggjaw vicin l-istess bieb. Huwa gie nfurmat li kellu jsolvi din il-problema mal-Kunsill Lokali ta' San Giljan u gie mitlub inehhi l-qsari li kien pogga u wara li rrifjuta li jaghmel dan il-Pulizija gabet il-mezzi fuq il-post sabiex jitnehhew l-imsemmija qsari. Dan kollu gie konfermat minn PS1492 Joseph Pace (traskrizzjoni tax-xhieda relattiva nserita a fol. 36 sa 38 tal-process) li identifika lill-imputat bhala l-persuna li kien ammetta mieghu li nehha l-linja bajda u pogga l-qsari.

Mill-provi, u senjatament mix-xhieda tal-Perit Dr. Audrey Testaferrata De Noto u mid-dokumenti esebiti minn din ix-xhud (xhieda nserita a fol. 46 sa 48 tal-process) irrizulta li permezz ta' ittra datata 19 ta' Frar 2003 it-Traffic Management Directorate fi hdan l-Awtorita' tat-Trasport

kienu nfurmaw lil Kunsill Lokali ta’ San Giljan li huma kienu rcevew diversi lmenti dwar il-parking bays maghmula fi Triq Bonavita, San Giljan u fejn infurmawhom li dawn kienu saru minghajr l-approvazzjoni taghhom u ghalhekk kellhom jitnehhew immedjatament. Irrizulta wkoll li fil-25 ta’ Frar 2003 l-imputat kien ikkomunika mal-imsemmi Direttorat permezz ta’ email dwar din il-problema.

L-imputat irrilaxxja stqarrija (inserita a fol.. 61 u 62 tal-process) fejn huwa ammetta li kien nehha l-linja l-bajda li kienet tiddenota l-konfini ta’ parking bay minn fuq il-bankina quddiem id-dar tieghu u li kien pogga tlett iqsari fejn qabel kien hemm il-parking bay sabiex jimpedixxi lil terzi persuni milli jipparkjaw quddiem id-dar tieghu. Huwa spjega li peress li l-parking bay kien fuq il-bankina kien qed jirriskontra diffikultajiet kbar sabiex jidhol u johrog mil-bieb ta’ barra u meta gie mistoqsi l-ghala huwa ma kienx irraporta dan il-fatt lill-Awtoritajiet kompetenti sabiex huma jiehdu l-passi necessarji minflok qabad u agixxa minghajr awtorita’ huwa rrisponda li kien tkellem ma’ Dr. Audrey Testaferrata De Noto mit-Traffic Control Board u din kienet infurmatu li l-linji kienu mizbugha bla permess u qaltlu li huwa seta’ jnehhi l-istess linja u jibghat il-kont relattiv lis-Sindku ta’ San Giljan.

Ikkunisdrat:

Illi permezz tal-ewwel akkuza l-imputat jinsab akkuzat bir-reat ta’ ezercizzju ta’ funzjoni pubblika bla jedd u cioe’ ir-reat kontemplat fl-Artikolu 84 tal-Kap. 9 tal-Lijgijiet ta’ Malta liema Artikolu jipprovdi s-segwenti:-

“*Kull min jiehu f’idejh xi funzjoni pubblika, sew civili jew militari, minghajr ma jkollu jedd ghaliha, u jezercita xi att ta’ dik il-funzjoni, jehel, meta jinsab hati, l-piena ta’ prigunerija minn erba’ xhur sa sena*”.

Illi l-Qorti jidrilha li mill-provi migjuba mill-Prosekuzzjoni f’dan il-kaz u senjatament mix-xhieda ta’ PS1492 li identifika lill-imptuat bhala l-persuna li kien ammetta mieghu li kien nehha il-linja bajda. Mill-istess stqarrija tal-

imputat fejn huwa rega’ irrepeta tali ammissjoni u mix-xhieda u mid-dokumenti esebiti minn Dr. Audrey Testaferrata De Noto, effettivament jirrizulta li l-imputat kien minghajr jedd u minghajr ebda awtorita’ assuma l-funzjoni li kienet tispetta jew lil Kunsill Lokali ta’ San Giljan jew lill-Awtorita’ tat-Trasport u qabad u nehha l-linja l-bajda li kienet giet maghmula mill-Kunsill Lokali ta’ San Giljan quddiem ir-residenza tieghu. Mill-atti jirrizulta ampjament li kien l-imputat li nehha l-linja u jirrizulta wkoll li huwa kien jaf ben tajjeb li dan il-jedd kien jispetta lit-Traffic Management Directorate jew lil Kunsill Lokali ta’ San Giljan u dan peress li fi Frar 2003, u cioe qabel ma huwa ddecida li jnehhi l-linja bajda, kien ikkomunika mal-imsemmi Direttorat. Huwa pprova jiggustifiika dak li ghamel billi qal li kien gie awtorizzat minn Dr. Testaferrata De Noto sabiex inehhi l-linja. Il-Qorti tirrileva li meta xehdet Dr. Testaferrata De Noto quddiem din il-Qorti qalet li d-Direttorat kien ta struzzjonijiet jew ahjar ordna lil Kunsill Lokali ta’ San Giljan sabiex inehhi l-linja bajda u f’ebda hin ma qalet li kienet awtorizzat lill-imputat sabiex inehhi l-linja hu, kif prova jsostni l-imputat fl-istqarrija. L-imputat sejjer ghalhekk jinstab hati tal-ewwel akkuza migjuba fil-konfronti tieghu izda ghal finijiet ta’ piena l-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni ic-cirkostanzi partikolari tal-kaz fejn l-imputat minhabba agir skorrett da parti tal-Kunsill Lokali ta’ San Giljan li qabad u ghamel il-linji tal-parking bays minghajr l-awtorizzazzjoni tal-istess Awtorita, kien qed isofri inkonvenjent sostanzjali ghaliex ma setghax jaccedi ghar-residenza tieghu komodament.

Permezz tat-tieni akkuza l-imputat jinsab akkuzat bir-reat ta’ ragion fattasi kontemplat fl-Artikolu 85 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta. Huwa evidenti li din l-akkuza inghatat bhala alternattiva ghall-ewwel akkuza li taghha l-imputat qed jinstab hati u l-Qorti sejra ghalhekk tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-istess akkuza.

Illi permezz tat-tielet akkuza l-imputat jinsab akkuzat li kkaguna hsara volontarja ghad-detriment tal-Kunsill Lokali ta’ San Giljan liema hsara ma teccedix l-Lm10. Il-Qorti jidrilha li din l-akkuza bl-ebda mod ma tirrizulta pruvata u l-imputat sejjer ghalhekk jigi dikjarat mhux hati tal-istess

akkuza. Permezz tas-sitt akkuza l-imputat jinsab akkuzat bi ksur ta’ buon ordni u paci pubblika liema akkuza bl-ebda mod ma tirrizulta mill-provi u huwa sejjer jigi dikjarat mhux hati tal-istess akkuza.

Permezz tar-raba’ akkuza l-imputat gie akkuzat li zgombra triq mol jew post iehor filwaqt li permezz tal-hames akkuza huwa jinsab akkuzat li naqas milli jobdi l-ordinijiet legittimi moghtija lilu mill-Pulizija. Dawn iz-zewg imputazzjonijiet it-tnejn jirrizultaw pruvati sal-grad rikjest mill-ligi stante li mix-xhieda ta’ PS 1492 jirrizulta li l-imputat zgombra l-bankina billi pogga l-qsari u li inoltre huwa rrifjuta li jnehhi l-qsari wara li gie moghti ordni f’dan is-sens mill-istess PS 1492.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 17, 84 u 338(ee) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta kif ukoll l-Artikolu 11(2) tal-A.L 65.13 l-Qorti ssib lill-imputat hati tal-ewwel, ir-raba’ u l-hames akkuza migjuba fil-konfronti tieghu u b’applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap 446 tilliberah bil-kundizzjoni li ma jikkommetiex reat iehor sa zmien sitt (6) xhur millum. Il-Qorti tiddikjara lill-imputat mhux hati tat-tielet u s-sitt akkuza migjuba fil-konfonti tieghu u konsegwentement tilliberah mill-istess akkuzi u stante li t-tieni akkuza inghatat bhala alternattiva ghall-ewwel akkuza l-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-istess akkuza.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------